Priedka tal-Milied
Palazz ta' San Anton
Diċembru 2010

(Jieħdu sehem tifel u tifla, li għall-ħeffa qed insejħilhom Mary u Joe)
Mary tista' tkun liebsa ta' anġlu waqt li Joe ikun bi lbies normali.

L-ewwel toħroġ Mary waħidha. Thares lejn in-nies, trodd is-salib b'leħen għoli u tibda:

Mary Glorja 'l Alla fil-ogħla tas-smewwiet u paċi fl-art lill-bnedmin ta' rieda tajba. Illum tweldilna l-feddej ... illum tweldilna l-feddej ... *(tinfixel)* illum tweldilna ... *(tieqaf ikkonfonduta)* ***NOTA: Importanti li t-tifla "tirreċta" taparsi tfixklet fil-priedka.***

Joħroġ jiġri Joe u jmur fuqha

Joe Qed tara kif sewwa għidtlek?! Ma lħaqtx tgħallimtha kollha bl-amment u issa se taqta' għaċ-ċajt.

Mary Uff ... jiena mill-ewwel għidtilhom li jiena minix tajba biex nitgħallem l-affarijiet bl-amment. Taf kemm kienet twila? Għaxar paġni sħaħ!! Jien lanqas poeżija ċkejkna tal-iskola ma jirnexxili nitgħallem bl-amment ... aħseb u ara priedka sħiħa.

Joe Issa x'se tagħmel?

Mary Ma nafx. Forsi minflok il-priedka, inkantalhom xi *Christmas Carol*.

Joe Eh mela! Kantalhom *Little Donkey* ... għax inti tassew ħmar!

Mary Togħġobni *Little Donkey,* għax taf x'qed ngħid, il-ħmara ma kienet ħmar xejn.

Joe X'inti tħawwad? Għal xiex qed tgħid?

Mary Qed ngħid għall-ħmara ta' Betlem, li ġarret lil Marija fuq daharha.

Joe Issa l-ħmara ta' Betlem x'għandha x'taqsam?

Mary Għax miskina dik ħadd ma jagħti kasha. Ara kemm batiet timxi triq twila u mħarbta, b'Marija fuqha ... bil-bard u bil-ġuħ.

Joe Tajjeb, allura issa minflok nitkellmu fuq it-twelid tal-Bambin se noqogħdu nitkellmu fuq il-ħmir?

Mary Għax qed niftakar li darba l-Miss tal-iskola qaltilna li dik il-ħmara nistgħu nxebbhuha man-nies il-foqra jew l-emarġ ... marġ ... insejt il-Miss x'kelma kienet użat.

Joe Emarġinati!

Mary Iva dik hi! Emarġinati; dawk li jaħdmu u jbatu bla ħadd ma jagħti kashom. Dawk eżatt bħall-ħmara ta' Betlem. Imwarrbin. Anki fil-presepju, lill-ħmara dejjem inpoġġuha mrekkna fuq wara, fid-dalma ... qisna qed nistħu minnha.

Joe Allura fejn trid inpoġġuha? Minflok il-Madonna u San Ġużepp?

Mary *(bla ma tagħti kasu)* Imma l-ħmara kellha xorti kbira għax hi kienet l-ewwel ħlejqa li ġarret lill-Bambin sa minn qabel ma twieled. U meta daħlu fil-għar, qagħdet b'rasha baxxuta tħares lejh u tadurah ... bil-kwiet ... bla ma tlissen l-ebda kelma.

Joe Jien ma nafx il-Miss x'qaltilkom u ma qaltilkomx, imma naħseb li qed tħawwad kollox. Lili aktar jogħġbuni n-nagħaġ tal-presepju milli l-ħmara. In-nagħaġ u l-ħrief aktar ħelwin. Ma qaltilkom xejn il-Miss dwar in-nagħaġ?

Mary Ma nafx. Ma niftakarx.

Joe Mela ħa ngħidlek jien. Waqt li r-ragħajja telqu jiġru lejn il-grotta biex jaduraw lill-Bambin, lin-nagħaġ ħallewhom waħidhom fuq l-għoljiet. Mingħajr l-attenzjoni tar-ragħajja, in-nagħaġ ma kellhomx min jindokrahom. Seta' ġie xi lupu għalihom. Imma n-nagħaġ afdaw fil-Bambin. Kienu jafu li huwa kien se jieħu ħsiebhom. Intelqu f'idejh.

Mary Din qalithielkom il-Miss tagħkom?

Joe Iva qalithielena l-Miss. Qaltilna li aħna l-bnedmin imissna nitgħallmu ftit min-nagħaġ u nidraw inħallu kollox fil-volontà t'Alla. Għax ħafna nies jimlew rashom b'dak li jridu jagħmlu għada, u l-ġimgħa d-dieħla jew sena oħra. U jimtlew b'ħafna biżgħat u tensjoni bla bżonn. Kieku nagħmlu ftit bħan-nagħaġ u nħallu kollox f'idejn il-Bambin, żgur li ħajjitna tkun mimlija b'aktar paċi. U l-ebda lupu ma jiġi għalina għax il-Bambin jaf kif jinkohrana.

Mary Kemm taf titkellem qed ngħid. Aħjar il-priedka tawha lilek.

Joe Mela x'inhu. Jien żgur kien jirnexxili nitgħallimha bl-amment. Mhux bħalek.

Mary Imma minbarra l-ħmara ...

Joe *(jaħtafha)* Terġax tibda bil-ħmara tafx. Għandu jkun inti ma tifhem f'xejn ħlief fil-ħmir.

Mary Kont se ngħidlek li minbarra l-ħmara, lili jogħġobni ħafna *L-Għaġeb tal-Presepju.*

Joe Din oħra!!! Ara inti tassew tifla stramba. Issa l-Għaġeb tal-Presepju x'fih jogħġbok?
Inti tieħu gost kieku xi ħadd jgħidlek "Qisek għaġeb"?

Mary Is-sena l-oħra, f'xi wieħed minn dawk il-magazines li nixtru mill-iskola, kont qrajt storja sabiha dwar l-Għaġeb tal-Presepju. Kienet għoġbitni ħafna.

Joe Dażgur li togħoġbok ... għax int tħossok taqbel ħafna mal-<u>Għaġeb</u> ... mhux hekk?

Mary Ħa nara niftakarx sewwa x'kien fiha miktub. *(pawsa ċkejkna .. tħokk rsaha waqt li tipprova tiftakar)* iva, mela ... l-Għaġeb induna li dak li seħħ fil-grotta kien miraklu kbir. U għalhekk waqaf jistagħġeb. Aħna llum qisna m'għadniex nafu nistagħġbu bl-għeġubijiet sbieħ ta' madwarna. Nieħdu kollox qisu mhu xejn. Naraw il-ġmiel tan-natura madwarna, is-siġar, il-fjuri, l-għasafar, ix-xemx tielgħa filgħodu, il-qamar u l-kwiekeb ... imma qatt ma nieqfu nistagħġbu ftit u napprezzaw. U l-Bambin kien ħa gost bl-Għaġeb tal-Presepju u qallu: "Inti biss qed tapprezza tassew dan il-misteru, għax inti taf tieqaf u tistagħġeb."

Joe Iva, qed niftakar xi ħaġa. Naħseb li din l-istorja kont qrajtha jien ukoll. Mingħalija l-pasturi kienu dejjem jidħku bih, lill-Għaġeb u jwaqqgħuh għaċ-ċajt.

Mary Iva hekk hu. Bħalma kienu jwaqqgħu għaċ-ċajt lir-Rieqed tal-presepju.

Joe Imma lil dak għandhom raġun jidħku bih. Għax dak għażżien u waqt l-pasturi l-oħra marru jaduraw lill-Bambin, huwa baqa' rieqed.

Mary Darba l-mama' taf x'qaltli? Qaltli li dak il-pastur, waqt li kien rieqed kien qed joħlom.

Joe Allura b'daqshekk? Mhux xorta waħda kien għażżien??

Mary Iva, imma l-mamà kienet qaltli xi ħaġa dwar il-ħolm. Imma jiena ninsa wisq. Ma nafx x'kienet qaltli sewwa sew.

Joe Mid-dehra inti bħar-Rieqed tal-Presepju. Toħlom biss taf.

Mary Iva, qed niftakar. Il-mama' kienet qaltli li aħna l-ewwel noħolmu, imbagħad inwettqu. Jiġifieri kull ħaġa li ssir f'ħajjitna, l-ewwel tibda minn ħolma. Qaltli li j'Alla jkun hawn aktar nies li kapaċi joħolmu, jaraw fil-bogħod, jppjanaw u jfasslu ... joħolmu kif itejbu l-ħajja ta' ħuthom il-bnedmin. Ir-Rieqed tal-Presepju, li xi wħud jgħidulu wkoll *L-Għażżien,* ma kienx qed jaħli l-ħin, imma kien qed joħlom ... jippjana. Il-Bambin kien qed jagħtih l-ideat. Kien qed ikellmu waqt l-irqad u huwa kien kwiet jisimgħu.

Joe Kemm taf titkellem tqil, qed ngħid. Jien ma fhimt xejn minn dan kollu. Hu x'inhu, ir-Rieqed baqa' jitgħażżen u ma marx jadura lil Bambin.

Mary Min jaf x'għamel! Forsi kien qed jadura lil-Bambin aktar minn xi wħud mir-ragħajja. Darba fuq it-television smajthom jgħidu, li mhux kull min imur il-knisja jkun bil-fors qed imur hemm għax jemmen tassew. Hemm min imur biss bi tradizzjoni. Nieħdu minn din il-quddiesa, per eżempju. Jista' jkun li ssib wħud li ġew biss għax hija l-quddiesa ta' nofs il-lejl. Għax hekk draw jew ġew għall-kurżità. Min jaf ... forsi anki xi wħud mir-ragħajja, kienu marru fil-grotta biss b'kużità. Jew għax beżgħu mill-anġli li dehrulhom.

Joe Kieku inti kellek tagħżel, liema pastur tippreferi li tkun?

Mary Ma nafx. Forsi ... forsi ... il-ħmara.

Joe Hmmm, minix niskanta. Nimmaġinak ħmara lilek.

Mary U inti x'tippreferi?

Joe Jiena nippreferi kont wieħed mis-Slaten Maġi. Naħseb li aħjar Sultan milli ħmara, mhux hekk?

Mary Lili jogħġbuni wkoll is-Slaten Maġi. Imma taf l-għaliex? Mhux għax huma *Slaten*, imma għax minkejja l-għerf u r-rikkezzi kollha tagħhom, kien jafu jitbaxxew.

Joe Kif jitbaxxew? Għax niżlu għarkopptejhom?

Mary Għax kienu umli. Aħseb ftit: dawn telqu minn pajjiżhom u għamlu dak il-vjaġġ kollu biex imorru jagħtu qima lil daqsxejn ta' tarbija ġo għar tal-annimali. Insew il-kobor tagħhom kollu. Warrbu n-nobbiltà kollha u niżlu għarkopptejhom. Ma naħsibx li hawn ħafna rjus kbar li kapaċi jagħmlu bħas-Slaten Maġi ... jidħlu ġo għar tal-annimali, jiċċekknu quddiem tarbija ... u jemmnu.

Joe U kellhom dawk ir-rigali sbieħ ukoll. Id-deheb, l-inċens u l-mirra.

Mary Iva. Imma dawn ir-rigali ma żammewhomx għalihom. Ma rabtux qalbhom magħhom. Offrewhom lill-Bambin.

Joe Iva din fhimtha. Għax aħna wkoll hekk inkunu qed nagħmlu kull meta noffru xi ħaġa lill-oħrajn; lil min hu inqas iffortunat minna, jew lil min ikollu xi bżonnijiet speċjali.

Mary Hekk hu. Inkunu qed nagħmlu bħall-Maġi, noffri r-rigali tagħna lill-oħrajn. Imma biex naslu nagħmlu dan kollu, irridu nimxu wara l-kewkba.

Joe X'jiġifieri?

Mary Is-Saten Maġi, kien irexxielhom isibu l-Bambin u joffrulu r-rigali tagħhom, għax imxew wara l-kewkba. Mhux hekk? Din ukoll kienet semmithielna l-Miss. Kienet qaltilna li lkoll għandna bżonn inħallu l-kewkba tmexxina.

Joe X'kewkba hi?

Mary Il-kewkba tal-fidi tagħna. Il-kewkba ta' dak kollu li hu tajjeb u ġust. Kultant għajnejna tant jitgħammxu lit-tlellix tax-xemx li l-kewkba ma narawhiex. It-tlellix tal-ħwejjeġ tad-dinja. Il-Miss kienet qaltilna li jekk ma nħallux il-kewkba tmexxina, nispiċċaw nintilfu fid-deżert ... bħalma kien jiġrilhom il-Maġi li kieku ma mxewx warajha. Għax kull pass li nagħtu fil-ħajja tagħna għandu jkun immexxi minn din il-kewkba. Mill-fidi tagħna li dejjem tagħtina l-valuri sodi u tajbin.

Joe Qed niftakar li s-sena l-oħra, ma' tal-Mużew konna morna naraw presepju mekkanizzat. Barra mill-pasturi tal-grotta kien hemm ħafna oħrajn qed jagħmlu xi xogħol. Niftakar kien hemm il-ħaddied, l-iskarpan, il-furnar, ieħor qed jagħżaq l-għalqa u anki mara miexja bil-ġarra fuq rasha. Tal-Mużew kien qalilna: "Qed tarawhom dawk. Lanqas biss jafu li twieled il-Messija!"

Mary Tassew, hekk hu. Il-poplu Lhudi kien ilu sekli sħaħ jistenna lill-Messija. Imbagħad meta sa fl-aħħar wasal, il-ħaddied baqa' jaħdem kif kien soltu jagħmel, u l-iskarpan baqa' jsewwi ż-żraben, u l-furnar baqa' jaħmi l-ħobż ... u ħadd ma ta kas ta' xejn. Imma m'għandniex biex nitkażaw bihom, għax ħafna drabi aħna nagħmlu eżattament bħalhom. Nintilfu wara x-xogħol ta' kuljum u ninsew l-aktar ħwejjeġ importanti tal-ħajja.

Joe L-istess bħalma għamlu dawk il-pasturi taż-żaqq u tat-tanbur. Qagħdu jedhew idoqqu.

Mary Le, dawk mod ieħor!

Joe X'jiġifieri? Mhux huma wkoll qagħdu jaħlu l-ħin fid-daqq?!

Mary Le, dawn marru jferrħu lill-Bambin. Ma kellhom xejn x'joffrulu ħlief id-daqq tagħhom. Imma ma qatgħux qalbhom. Offrewlu kulma kellhom. Insejtha l-knzunetta *The Little Drummer Boy?* Darba konna kantajnieha l-iskola. Dak it-tfajjel ukoll kien bħal dawk il-pasturi. Kien tifel fqir u ma kellux rigali x'joffri lill-Bambin. Kien jaf biss idoqq it-tanbur. Imma l-

Bambin xorta ħa gost bih, għax il-Bambin ma jħarisx lejn il-kobor ta' dak li lesti noffru, imma lejn il-qalb tagħna. Jien ċerti li l-Bambin feraħ bid-daqq taż-żaqq u tat-tanbur daqskemm feraħ bir-rigali sinjuri tal-Maġi.

Joe Taf x'qed ngħid ġo qalbi. Il-pasturi tal-presepju kollha għandhom xi tagħlima x'jagħtuna.

Mary Hekk hu. Anki x-xabbatur.

Joe Ix-xabbatur xi jkun?

Mary Ixxabbatur huwa dak il-pastur li jkun fuq nett tal-grotta, qed jixxabbat biex jittawwal lejn il-Bambin.

Joe Iva, f'dak il-prespeju li semmejtlek niftakar li kien hemm wieħed bħalu. Ma kontx naf li jgħidulu *Xabbatur*.

Mary Dak donnu jrid jurina li għandna nkunu umli. Donnu ħass li mhux denn li jersaq lejn il-Bambin ... l-Iben t'Alla ... il-Feddej ... u għalhekk qagħad jittawwallu mill-mod. Qisha bħal dik il-parabbola tal-Fariżew u l-Pubblikan. Tiftakarha? Il-Pubblikan ukoll ma kienx ħassu denn li jersaq fuq quddiem nett tat-tempju. Qagħad fuq wara, għax kien jaf li hu midneb.

Joe U hemm ħaġa oħra wkoll: ix-xabbatur, miskin, min jaf x'battikata ħa biex jixxabbat sa fuq nett tal-grotta. Imma ma qatax qalbu. Kien lest jagħmel dak is-sagrifiċċju ... basta jara lill-Bambin u jadurah.

Mary Iva veru. Naħseb li ħafna drabi aħna xejn ma nagħmlu bħalu. Fejn jidħlu l-ħwejjeġ tar-ruħ, malli naraw l-iċken ostaklu malajr naqtgħu qalbna.

Joe Taf x'qed ngħid. Aljenajna rasna npaċpċu dwar il-pasturi, u lil dawk *(juri lin-nies)* ħallejniehom jistennew.

Mary Tassew. Issa x'se nagħmlu?

Joe Ara, ħalli f'idejja ħa nkellimhom ftit jiena.
(jindirizza lin-nies) Sinjuri, nitlobkom tiskużawha lil oħti li ma laħqitx tgħallmet il-priedka. Mhux tort tagħha ... ħeqq ... dik mhix brava bħali. Dis-sena ħudu ftit paċenzja. Se jkollkom tibqgħu bla priedka.

Mary Iva, skużawni! Sena oħra ngħidilhom biex il-priedka jagħtuha lil ħija. U taraw xi priedka sabiħa jkollkom.

Flimkien: Il-Milied it-Tajjeb!